**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 12 ta' Lulju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 240 / 13RGM

Kawza fil-lista: 20

**P S**
**vs**
**C S**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

**Dikjarazzjoni tal-Fatti**

1. Illi hija kellha relazzjoni ma' C S u minn din ir-relazzjoni bejn il-partijiet twieldu l-minuri X u Y, fl-14 ta' Mejju 2005 u fis-6 ta' Lulju 2008, rispettivament, skont kif jista' jirrizulta rnic-certifikati tat-twelid;

2. Illi ghall-habta ta' Settembru 2012, ir-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet, u l-minuri baqghu jghixu ma' ommhom l-esponenti fid-dar di propjeta' taghha gewwa l-indirizz '138, Nirea, St. Joseph Street, Ghaxaq, fejn del resto l-partijiet u t-tfal kienu dejjem jghixu qabel bhala familja;

3. Illi b'danakollu, ghal iktar minn seba' (7) xhur wara li ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet, l-intimat baqa' ma hallas l-ebda manteniment lill-esponenti ghal uliedu minuri u oltre' dan baqa' ma ta l-ebda forma ta' kontribut iehor ghall-ghajxien taghhom. Jigi rilevat illi anke wara li inghata d-Digriet datat

21 ta' April 2013 minn dina l-Onorabbli Qorti fl-atti ta' l-ittra Numru 42/73, fejn l-intimat gie ordnat illi jhallas is-somma ta' erba' mitt Euro (€400) fix-xahar bhala manteniment ghal uliedu oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni tal-minuri, l-intimat deherlu li kellu ihallas biss is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar ghaz-zewgt uliedu minuri;

4. Illi f'dan ir--rigward, jigi rilevat illi l-esponenti tahdlem mal-kumpannija ST Microelectronics Limited fuq bazi ta' four-shift, kif del resto jahdem ukoll l-intimat ma' l-istess kumpanija, u effettivament, iz-zewg partijiet ghandhom salarju piu' o meno l-istess, u fix-xahar jircievu f'idejhom medja ta' bejn €1,000 u €1,100, skond kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

5. Illi inoltre, minkejja l-modalitajiet ta' l-access stabbiliti fid-Digriet fuq imsemmi tal-21 ta' April 2013 l-intimat, li jghix ma' ommu u l-familja tieghu fl-indirizz Reborn, Triq Vendomme, Zejtun, baqa' jippretendi illi jkollu access ghal uliedu meta, kif u bil-modalitajiet li jiddetta hu minghajr kunsiderazzjoni ghall-impenji skolastici u ohrajn, u xewqat tal-minuri, u dan kuljum a kumdita' tieghu, liema sistema, apparti li ma hijiex prattika, certament lanqas ma hija fl-ahjar interess tal-minuri.

**Ir-Raguni tat-Talba**

6. Illi ghalhekk, fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet, anke fid-dawl tad-Digriet moghti fl-atti ta' l-Ittra Numru 42/13, rigward il-kura u kustodja ta' wlied minuri tal-partijiet, il-modalitajiet ta' access li ghandu jezercita l-intimat ghall-istess uliedu, kif ukoll li rigward il-hlas ta' retta alirnentarja da parti ta' l-intimat in linea ta' mantenimeut ghal uliedu, 1-esponenti kellha tipprocedi b'din il-kawza;

7. Illi l-esponenti tixtieq illi l-intimat jigi kundannat illi jhallas manteniment ghall-minuri f'somma li tigi ffissata ghal dan l-iskop minn dina l-Onorabbli Qorti, u illi l-kura u kustodja taz-zewg minuri tigi fdata lilha ad eskluzjoni ta' l-intimat, b'access favur tieghu, peress illi dan certament ikun fl-ahjar interess tal-minuri;

8. Illi l-esponenti kienet ipprezentat l-Ittra bin-numru 42/13 fl-istess ismijiet fuq premessi, sabiex tinghata l-awtotizzazzjoni illi tipprocedi gudizzjarjament, u fil-fatt, permezz ta' Digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fl-24 ta' Settembru 2013, fl-atti ta' l-imsemmija Ittra, l-esponenti nghatat awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi gudizzjarjament kif fuq premess.

9. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.

**<u>It-Talbiet</u>**

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:-

1. Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri X u Marca ahwa S lir-rikorrenti P Caruana ad eskluzjoni ta' l-intimat, b'access iffissat favur l-intimat; u

2. Tiffissa dik ir-retta alimentarja li ghandu jhallas l-intimat in linea ta' manteniment ghaz-zewg minuri u tikkundanna lill-istess intimat ihallas dan l-ammont lir-rikorrenti ghan-nom tal-minuri; u

3. Tordna illi l-ammont ta' manteniment hekk iffissat jigi mhallas mis-salarju ta' l-intimat sabiex jigi mhallas direttament lir-rikorrenti ghan-nom tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi in kwantu l-ewwel talba attrici, l-esponenti jikkontendi li l-kura u l-kustodja tat-tfal minorenni ghandha. tigi fdata f'idejn il-kontendenti flimkien stante li ma jezistu l-ebda ragunijiet gravi u jew sufficjenti fil-ligi ghal-kuntrarju ta' dan, u ghalhekk din 1-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici;

2. In kwantu ghat-tieni talba relatata mal-manteniment ghaz-zewg minuri l-esponenti m'ghandux kontestazzjoni izda jikkontendi illi l-ghoti ta' manteniment ghandu jkun wiehed gust u konformi mal-mezzi finanzjari ta' l-istess esponenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jikkontendi illi meta l-attrici allegat fir-rikors promotur taghha illi mindu kienet intemmet r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, l-esponenti ma kkontribwixxiex ghal ghajxien ta' uliedu u lanqas kien hallas ebda manteniment, l-esponenti jiddikjara illi meta intemmet r-relazzjoni bejnu u l-attrici, l- komunikazzjoni ta' bejniethom kienet wahda dghajfa hafna u li meta l-esponenti kien iddecieda li jersaq biex jghaddilha mantenirnent, l-intimata kienet tirrifiuta ghax ma kien ghad hemm xejn bil-miktub bil-qorti minkejja li zgur ma kinitx x-xewqa taghha li tirrifjutahom;

4. Illi in kwantu it-tielet talba attrici l-esponenti ma ghandux kontestazzjoni izda jikkontendi li l-ispejjez ta' din it-talba ghandhom jigu sofferti mill-istess attrici stante l-fatt illi dan kien nuqqas minn naha ta' l-istess attrici li l-partijiet jippruvaw jaslu ghal ftehim.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-6 ta’ Frar 2014, fejn il-Qorti, wara li rat id-digriet tal-21 ta’ April 2013, stabbiliet pendente lite l-hinijiet tal-access tal-missier ghat-tfal minuri, gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jisma l-provi limitatament ghad-dhul tal-partijiet u l-ispejjes tal-minuri u ordnat il-konessjoni mal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi (Rikors Guramentat Numru 240/2013;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma’ nota ppresentata fit-12 ta’ Frar 2014;

Rat id-digriet tal-Qorti moghti seduta stante fis-seduta tas-16 ta’ Gunju 2015 dwar l-access tal-missier ghat-tfal matul il-vakanzi tas-sajf;\

Rat ir-ritratti tas-safe pprezentati mill-konvenut,annessi ma’ nota tas-16 ta’ Gunju 2015;

Rat ix-xhieda tal-partijiet li xehedu fis-seduta tal-21 ta’ Jannar 2016;

Rat in-nota tal-attrici tat-22 ta’ Frar 2016 li maghha annettiet il-payslips ghax-xhur ta’ Settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru 2015 u Jannar 2016, li gew mmarkati Dok RM1 sa Dok RM5;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici ppresentata fit-22 ta’ Marzu 2016;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet prezentata minn C S fis-7 ta' Lulju 2016.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti;

Ikkunsidrat

Il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet ta’ konnessjoni tal-kawzi moghti fis-6 ta’ Frar 2014 fejn il-Qorti ordnat li l-kawza flismijiet inversi numru 219/13RGM tinstema flimkien mal-kawza odjerna. Ghaldaqstant issir riferenza ghall-provi kollha u ghall-konsiderazzjonijiet maghmula u ghad-decizzjoni mehdua fil-kawza fl-ismijiet C S vs P Caruana Rikors Numru 219/13 li nstemghet kontestwalment ma’ din il-kawza u qed tigi deciza illum.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddecidi l-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata fid-dawl ta' dak hawn deciz;

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici u tordna li l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet Y u X, tkun fdata esklusivament f'idejn ommhom P Caruana bil-kondizzjonijiet elenkati taht l-intestatura "Kura u Kustodja tat-Tfal Minuri u Access" fis-sentenza fl-ismijiet inversi numru 219/13RGM moghtija kontestwalment;

2. Tordna li l-missier ghandu jezercita access versu z-zewg minuri bil-mod kif ordnat taht l-intestatura "Kura u Kustodja tat-Tfal Minuri u Access" fis-sentenza fl-ismijiet inversi numru 219/13RGM moghtija kontestwalment;

3. Tilqa' t-tieni talba attrici, tordna li b'effett millum il-missier ihallas lill-omm bhala manteniment ghaz-zewg miniri s-somma ta' tlett mija u hamsin ewro (€350) kull erba' gimghat b'dan illi l-manteniment pendente lite ghandu jibqa' regolat bid-digrieti pendente lite. Il-manteniment hawn stabbilit jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas anke wara li l-minuri jaghlqu 18-il sena jekk jibqghu jistudjaw full-time u dan sakemm jaghlqu 23 sena. Inoltre l-missier ghandu jhallas lill-omm nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha taz-zewg minuri.

4. Tilqa' t-tielet talba.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**